DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 2153** **03.10.2012**

## BEJGĦ TA' 3,000 QABAR FIĊ-ĊIMITERJU TA' SANTA MARIJA ADDOLORATA

Ġie ppublikat avviż legali li se jiftaħ it-triq biex jinbiegħu 3,000 qabar ġdid fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata. Dan tħabbar mill-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunita. L-Onor. Joe Cassar, waqt konferenza tal-aħbarijiet li matulha ngħataw id-dettalji tal-kontenut tal-avviż legali.

Il-Ministru Cassar qal li dan ser jgħati opportunita lil min jixtieq jixtri l-qabar tiegħu. Il-prezz tal-oqbra ser Jkun dak ta' 5000 ewro. Matul il-jiem li ġejjin kull min jista' jkun intittolat li jixtri qabar għandu jircievi ittra biex imbagħad isir l-arranġament u jsir id-depositu

Joe Cassar ħabbar ukoll li l-ġimgħa d-dieħla għandu jingħalaq ukoll it-tendering proċess għall-kostruzzjoni u r-restawr taċ-ċimiterju eżistenti. B'hekk ix-xogħol huwa mistenni li jibda mill-aktar fis possibli u l-Gvern ikun f'posizzjoni li jista' jintrabat ukoll biż-żmien sa meta ser jgħati l-oqbra lil-dawk li jkunu għamlu d-depositu.

L-istess Avviż Legali jkopri wkoll sitta u sebgħin qabar fiċ-Ċimiterju Omm il-Ħniena fil-Mellieħa li qed isir b'kooperazzjoni mal-Kunsill Lokali. Dawn l-oqbra ser jinbiegħu bl-istess sistema.

Qed jiġi ppjanat ukoll żvilupp fiċ-Cimiterju ta' Sant Antnin limiti tal-Imdina li meta jkun il-waqt jitħabbru wkoll l-oqbra għal-bejgħ.

Dawn l-oqbra ħa jkunu ukoll għal-prezz ta' ħamest elef ewro kif imħabbar fl-istess Avviż Legali